# IT- TWIEQI TA' L-ISPTAR

Zewgt irgiel kienu jinsabu fl-istess kamra gewwa sptar. Wied minnhom seta' joqghod bilqieghda fuq is-sodda ghal siegha kuljum. Soddtu nzertat li kienet hdejn l-unika t-tieqa tal-kamra. Ir-ragel l-iehor kellu jghaddi hinu kollu mindud fuq darhu.

Biex jghaddu z-zmien kienu joqghodu jitkellmu l-jum kollu, daqqa fuq il-familji taghhom, ohra fuq ix-xoghol taghhom fis-servizz militari u fuq elf haga ohra.

Matul is-siegha li l-marid ta' hdejn it-tieqa seta' joqghod bil-qieghda fuq soddtu hu kien jirrakonta dak li kien seta' jara' mit-tieqa tieghu. U l-marid l-iehor kien jimmagina dak kollu li kien jghidlu u jiddeskrivilu siehbu.

It-tieqa kienet thares fuq gnien kbir b'lag naturali, li fih il-papri kienu jghumu l-jum kollu waqt li t-tfal kienu jsuqu l-mudelli tad-dghajjes taghhom fuq l-ilma. In-namrati kienu jimxu id f'id fil-passaggi mdewda bi fjuri sbieh. Jum wiehed il-marid ta' hdejn it-tieqa qal lil shiebu li kienet ghaddejja l-banda mill-gnien. Ghalkemm ma setghax jisma' l-marci ferrieha, huwa mmagina dak kollu li kien qed jirrakontalu habibu.

Ghodwa wahda meta l-infermiera dahlet biex tatihom il-pillolli sabet ir-ragel ta' hdejn it-tieqa bla hajja. Kien miet matul il-lejl. Habibu ghela' hafna ghat-telfa tieghu u talab lill-infermiera biex tiehu s-sodda tieghu hdejn it-tieqa. L-infermiera qatitlu xewqtu. Imma meta bi tbatija kbira ipprova jhares barra mit-tieqa, bit-tama li jara dak li kien jirrakontalu siehbu, induna li t-tieqa kienet tati ghall-hajt vojt.

Ir-ragel talab lill-infermiera tghidlu ghaliex habibu kien jirrakontalu tant affarijiet sbieh li kien jara barra mit-tieqa.

L-Infermiera wegbitu li r-ragel li kienet miet kien ghama u anqas biss seta' jara l-hajt li kien hemm quddiemu. Qaltlu: "Forsi ried jaghmillek ftit tal-kuragg."

Kemm ghandna bzonn ta' kuragg biex nimxu 'l quddiem fis-servizz ta' Alla. L-ghadu ta' Alla, ix-xitan juza' hafna din l-arma ta' skoraggiment

biex dawk li jixtiequ jimxu fit-triq li tohodhom ghand Alla, jaqtghu qalbhom u jibirdu mill-Imhabba ta' Alla.
Fittex dan il-kuragg fit-talb, il-quddies u t-tqarbin flimkien mad-devozzjoni lejn Omm Alla u fuq kollox imxi fuq il-pariri ta' nies ghaqlin.